**Gwida Semplifikata għal Komunikazzjoni dwar Użu Identifikat fil-Katina tal-Provvista**

Taħt il-leġiżlazzjoni REACH, kull manifattur jew importatur ta' sustanza kimika huwa mitlub jirreġistra s-sustanzi tiegħu fid-data xierqa (Diċ 2010, Ġunju 2013 jew Ġunju 2018). Jekk is-sustanza hija perikoluża (ibbażat fuq dejta ta' test) id-dossier tar-reġistrazzjoni għandu jinkludi valutazzjoni tar-riskju għall-bniedem u l-ambjent. Din il-valutazzjoni tar-riskju jeħtieġ li tikkunsidra Użi Identifikati tas-sustanza, u r-rimi tagħha bħala skart.

Parti mill-proċess tal-valutazzjoni tar-riskju jinkludi l-ħolqien ta' Xenarju ta' Espożizzjoni (Exposure Scenario (ES)) għal kull Użu Identifikat li jkopri d-diversi fażijiet taċ-ċiklu tal-ħajja tagħha inkluż ir-rimi. L-ES jiddeskrivi kif il-bniedem u l-ambjent jistgħu jkunu esposti għas-sustanza u kif dik l-espożizzjoni tista' tiġi kkontrollata billi jiġu applikati Kundizzjonijiet Operattivi (Operational Conditions (OCs)) u Miżuri għall-Immaniġġjar tar-Riskju (RMMs). L-OCs jiddeskrivu kif is-sustanza għandha tintuża u l-RMMs jiddeskrivu l-prekawzjonijiet meħtieġa biex is-sustanza tiġi ttrattata b'mod sigur. Fl-aħħar nett sommarju tal-ES se jifforma parti mill-Iskeda ta' Dejta ta' Sigurtà Estiża ( Extended Safety Data Sheet (eSDS)) li hija pprovduta għall-utent.

REACH tippermetti li Utenti Downstream (DUs) jinfurmaw lill-fornituri tagħhom dwar l-użu tas-sustanza/prodott tagħhom sabiex ikun jista' jiġi inkluż fid-Dossier ta' Reġistrazzjoni. Dawn huma magħrufa bħala Użi Identifikati taħt REACH. Bl-appoġġ għal dawn l-użi, il-fornitur huwa b'hekk obbligat li jipprovdi ES xieraq għal kwalunkwe sustanza perikoluża. Jekk DU ma jixtieqx jinforma lill-fornitur dwar l-użu tiegħu, huwa stess għandu jħejji l-ES tiegħu u jżommu f'fajl u jinforma lill-Aġenzija Ewropea tal-Kimika (ECHA).

Taħt id-dokumenti ta' gwida ppubblikati mill-ECHA, l-użu ta' kwalunkwe sustanza kimika jista' jiġi deskritt bl-użu ta' sensiela ta' kodiċi magħrufa bħala s-Sistema tad-Deskrittur tal-Użu. Kull tip ta' prodott jista' jkollu bosta Deskritturi tal-Użu li jirrappreżentaw fażijiet differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu. **Dan huwa qafas komuni li jippermetti l-armonizzazzjoni tal-komunikazzjoni dwar l-użu fil-katini kollha tal-provvista, inkluża l-katina tal-provvista tal-lubrikanti.** Il-kodiċi huma mqassma f'għadd ta' kategoriji:

**SU** Setturi ta' Użu: Jiddeskrivi l-qasam ewlieni tal-użu (manifattura, użu privat, eċċ) u t-tip ta' industrija (eż industrija kimika fuq skala kbira)

**PC** Kategorija ta' Prodott Kimiku: Jiddeskrivi t-tip ta' prodott (eż fluwidu idrawliku, fluwidu għal xogħol fil-metall, eċċ)

**PROC** Kategorija ta' Proċessi: Jiddeskrivi kif sustanza qed tiġi użata (eż sprejjar, applikazzjoni b'pinzell, eċċ)

**ERC** Kategorija ta' Rilaxx Ambjentali: Jiddeskrivi l-kundizzjonijiet tal-espożizzjoni ambjentali relatati mal-kodiċi PC u PROC

AC Kategorija ta' Oġġett: Jiddeskrivi t-tipi ta' oġġett li fih is-sustanza ġiet eventwalment ipproċessata. Dan ma tantx hu applikabbli għal lubrikanti formulati.

Żewġ gruppi ta' setturi li jirrappreżentaw l-industrija tal-lubrikanti (ATIEL[1] u ATC[2]) identifikaw bosta mijiet ta' applikazzjonijiet differenti tal-lubrikanti u allokaw kull wieħed minnhom fi Grupp ta' Użu tal-Lubrikant ġeneriku wieħed fuq il-bażi ta' kif il-prodotti jintużaw ġeneralment (jiġifieri l-profil tal-espożizzjoni tagħhom).

Id-Deskritturi tal-Użu mbagħad ġew allokati lil dawn il-Gruppi ta' Użu tal-Lubrikant ġeneriċi sabiex kull waħda mill-applikazzjonijiet differenti tal-lubrifikant tista' tiġi deskritta minn għadd limitat ta' Deskritturi tal-Użu, b'hekk jista' jkun hemm komunikazzjoni sempliċi u konsistenti dwar l-użu fil-katina tal-provvista.

Se jiġi żviluppat Xenarju ta' Espożizzjoni Ġeneriku (GES) li jkopri dawn il-Gruppi ta' Użu tal-Lubrikanti biex b'hekk jiġi evit at il-bżonn li l-industrija tiżviluppa ES separat għal kull wieħed mit-tipi differenti ta' użu tal-lubrikanti identifikati.

---

[1]ATIEL = Association Technique de L'Industrie Européenne des Lubrifiants

[2]ATC = Technical Committee of Petroleum Additive Manufacturers in Europe

ATIEL/ATC ipproduċiet gwida li tiddeskrivi kif il-fornituri u l-klijenti fil-katina tal-provvista tal-lubrikanti jistgħu jużaw din l-informazzjoni armonizzata biex jiżguraw li l-użi speċifiċi tagħhom ġew koperti kif xieraq.

Speċifikament Sezzjoni 7 fuq il-gwida tal-websajt ATIEL tiddeskrivi kif id-DUs għandhom jużaw l-informazzjoni biex jiċċekkjaw li l-użi speċifiċi tagħhom ġew koperti kif xieraq. Biex isir dan, wieħed għandu jsegwi dawn il-passi:

**Pass 1:**
Immaġina li l-kumpanija tiegħek hija utent industrijali ta' konċentrat ta' fluwidu solubbli għal xogħol fil-metall. Uża l-"Lubricant Application Table" (7.2 fuq il-websajt ATIEL), fittex għall-kombinazzjoni ta' 'Familja' u 'Applikazzjoni Speċifika' li tiddeskrivi l-aħjar il-prodotti li tuża, u nnota l-**Grupp ta' Użu tal-Lubrikant (B sa F)** ġeneriku li għalih ġie/ġew assenjat/i. Pereżempju:

Familja: Fluwidu għal xogħol fil-metall
Applikazzjoni Speċifika: Fluwidi għal Produzzjoni ta' Għodod/Tħin - solubbli (konċentrati)
Grupp ta' Użu tal-Lubrikant: E

Dan ifisser li fluwidu solubbli konċentrat għal xogħol fil-metall jinsab fil-Grupp E ta' Użu tal-Lubrikant ATIEL/ATC.

Innota li għal fluwidi għal xogħol fil-metall se jkun hemm Gruppi ta' Użu tal-Lubrikant differenti għall-konċentrat u għall-fluwidu fl-użu dilwit. F'dan il-każ huwa meħtieġ li tidentifika ż-żewġ Gruppi ta' Użu tal-Lubrikant relevanti għall-użu tal-prodott.

**Pass 2:**
Wara li tkun identifikajt il-Grupp(i) ta' Użu tal-Lubrikant minn Pass 1, iftaħ il-paġna bl-isem "Lubricant DUCC table" (7.3 fuq il-websajt ATIEL).

Fil-kolonna A ta' din it-tabella, il-Gruppi ta' Użu tal-Lubrikant huma elenkati u separati skont jekk humiex industrijali (i), professjonali (p) u konsumatur (c) b'kull sottokategorija jkollha sett separat ta' Deskritturi tal-Użu. Ġeneralment 'industrijali' hija l-għażla relevanti li tkopri l-manifattura u l-biċċa l-kbira tal-użi tal-lubrikanti. L-oħrajn, p u c, huma maħsuba għal użu fi ħwienet tax-xogħol jew fid-dar rispettivament. Innota li mhux il-Gruppi ta' Użu tal-Lubrikant kollha għandhom sottokategoriji professjonali u/jew konsumatur għaliex ma jintużawx f'dawn is-setturi.

Minħabba li f'dan l-eżempju l-kumpanija tiegħek hija industrijali, fittex 'ATIEL-ATC Group E(i)' f'kolonna A. Il-kombinazzjoni ta' SU, PC, PROCs u ERCs f'din ir-ringiela tat-tabella tirrappreżenta d-Deskritturi tal-Użu armonizzati kif assenjati mill-esperti ATIEL/ATC lil "Fluwidu għal xogħol fil-metall - Fluwidu għal Produzzjoni ta' Għodod/Tħin - solubbli (konċentrat)" skont il-konsensus tal-industrija dwar kif dawn il-prodotti jintużaw għax-xogħol fil-metall. Dawn għandhom jaqblu mal-proċessi jew l-attivitajiet deskritti fil-Kolonna C, u għandhom jaqblu ma' kif inti (u, jekk applikabbli, il-klijenti tiegħek) tuża(w) dan it-tip ta' lubrikant. Deskrizzjonijiet dettaljati tal-kodiċi mqassra PROC u ERC tista' ssibhom fit-tabs l-oħra ta' din il-paġna għal referenza.

**Pass 3:**
Jekk inti kuntent li l-użi tal-prodott tiegħek huma koperti korrettament mid-Deskritturi tal-Użu assenjati mill-industrija tal-lubrikanti (u huwa mistenni li kważi l-użi kollha huma koperti akkuratament), mela m'hemmx bżonn li tittieħed aktar azzjoni għax dawn l-Użi Identifikati kellhom jiġu koperti fir-Reġistrazzjoni. Jekk madankollu, inti taħseb li l-użu tiegħek mhuwiex kopert akkuratament (pereżempju jekk qed tuża lubrikant għal skop differenti minn dak deskritt fuq it-Tabella tal-Applikazzjoni tal-Lubrikant), nirrikkmandaw li tikkuntattja lill-fornitur tiegħek direttament.

Jekk jogħġbok innota li d-Deskritturi tal-Użu liġew assenjati għal kull Grupp ta' Użu tal-Lubrikant jirrappreżentaw il-fehim kurrenti tal-grupp ta' ħidma tal-użi 'normali' tal-lubrikanti, jiġifieri jiddeskrivu ħidmiet li normalment wieħed jistenna f'ambjent ta' post tax-xogħol jew ta' konsumatur. Madankollu, il-

kontenut tal-websajt ATIEL/ATC jinżamm taħt reviżjoni u jista’ jiġi aġġornat jekk ikun hemm informazzjoni addizzjonali disponibbli u hekk kif jiżdied il-fehim tas-sistema tad-deskritturi tal-użu.

**Fil-qosor**

Kollox ma' kollox, dan huwa proċess kompless u jeħtieġ għarfien dettaljat ta' REACH u tat-terminoloġiji tagħha. Il-ħimda ta' ATIEL u ATC twettqet biex dan il-proċess jiġi semplifikat għall-klijenti tagħna u biex ikunu żgurati metodoloġija u interpretazzjoni maqbula mal-industrija. Jekk inti interessat li tifhem aktar il-kwistjonijiet indirizzati f’dan ix-xogħol nirrikkmandaw id-dokumenti ta’ gwida fuq il-websajt ECHA.

Dan il-fehim huwa meħtieġ biex inti tiżgura l-obbligi tiegħek taħt il-leġiżlazzjoni. REACH għandha impatt fuq kulħadd fil-katina tal-provvista kimika, mill-manifattur/importatur inizjali, sal-utent finali. Il-websajt ECHA (http://guidance.echa.europa.eu/index_en.htm) fiha firxa ta’ dokumenti ta’ gwida, uħud minnhom huma verżjonijiet semplifikati, u oħrajn ikopru aspetti f’aktar dettall. Inħeġġuk tara dawn id-dokumenti ta’ gwida sabiex tikseb fehim sħiħ tal-leġiżlazzjoni li tikkonċerna l-Użi Identifikati u l-impatt tagħha fuq il-katina tal-provvista.